MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 305/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Robert Cassar ta’ 32 sena, iben Godin u Grace nee` Abela, imwieled nhar id-09 ta’ Marzu, 1977, u residenti St. Joseph Mans, Flat 2, Triq il-Gdida Luqa.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Robert Cassar talli f’dawn il-Gzejjer fil-21 ta’ Marzu, 2009 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu (02.:30a.m) gewwa Burger King sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Keith Carabott.

U aktar talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.
Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-parte leza Keith Carabott hafer lill-imputat ghall-akkadut.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu operattiv ta' liberta kondizzjonata.

Finalment il-Qorti torbot lill-hati b'obbligazzjoni taht penali ta' hames mitt euro (€500) li ma jimmolesta lill-Keith Carabott u dan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------